MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCICLUNA DAVID

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 527/1998/1

Lombard Bank Malta p.l.c.
Vs
1.Canina Enterprises Ltd.
2.Patrick Gaffiero
3.Anna Farrugia

Illum, 11 ta' Ottubru 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-16 ta' Marzu 1998 li permezz taghha s-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi l-Bank attrici kkoncediet lis-socjeta' konvenuta facilitajiet ta' "overdraft" u in forza ta' dawn il-facilitajiet is-socjeta' konvenuta sselfet flus minghand il-Bank attrici u ghandha debitu bilancjali komplessiv favur l-istess Bank attrici ta' sitt elef, tlett mija u tletin liri Maltin u hamsin centezmi (Lm6330.50) bl-interessi kkalkolati sal-25 ta'

Frar 1998 skond "ledger detail sheet" hawn anness u mmarkat Dok. "A" oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-25 ta Frar 1998 sad-data tal-pagament effettiv.

Illi permezz ta' skrittura privata li ggib id-data ta' l-1 ta' Gunju 1994 li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok. "B" il-konvenuta Anna Farrugia ggarantiet solidament mas-socjeta' konvenuta Canina Enterprises Ltd., il-hlas lura ta' dan id-debitu sa l-ammont ta' elfejn lira Maltain (Lm2,000) flimkien ma l-interessi u spejjez relattivi skond kif spjegat fl-istess skrittura.

Illi permezz ta' l-istess skrittura privata hawn fuq imsemmija u mmarkata bhala Dok. "B" kif ukoll ta' skrittura ohra li ggib id-data tas-17 ta' Jannar 1995 u li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok. "C", il-konvenut Patrick Gaffiero ggarantixxa solidament mas-socjeta' konvenuta Canina Enterprises Ltd., il-hlas lura tad-debitu sa l-ammont globali ta' sitt elef liri Maltin (Lm6,000) flimkien ma l-interessi u spejjez relattivi skond kif spjegat fl-istess skrittura.

Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu l-imsemmi debitu anke ufficjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

talbet li din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tikkundanna lill-konvenuti kollha solidament ihallsu lill-Bank attrici s-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000).

2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Canina Enterprises Ltd., u Patrick Gaffiero sabiex ihallsu lill-Bank attrici s-somma ta' erbat elef liri Maltin (Lm4,000).

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-Bank attrici l-bilanc ta' tlett mija u tletin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm330.50).

U dan oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-25 ta' Frar 1998 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha, inkluz l-ETS kif ukoll dawk ta' l-ittra legali li ggib id-data tat-18 ta' April 1997, ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-2 ta' Gunju 1997 tal-mandat ta' Qbid u tal-Mandat ta' sekwestru kawteletarju pprezentati kontestwalment ma din il-kawza li jgibu n-numri 908/98, 904/98 u 906/98, 907/98, 908/98 rispettivament u bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Frar 1998 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma lkoll minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta Anna Farrugia fejn qalet:

Illi t-talbiet attrici ghadhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-konvenut tat garanzija personali ghall-facilitajiet bankarji moghtija lill-Canina Enterprises Limited fuq ftehim li l-attrici kellha tati "loan facility" lill-kumpanija konvenuta liema self ma kellux jeccedi l-elfejn lira (Lm2,000) u sussegwentement minghajr pre-avviz jew kunsens taghha l-obbligazzjoni principali ta' self tbiddlet ghal wahda ta' "overdraft" u dina ferm in eccess tas-somma miftehma.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li s-socjeta` konvenuta Canina Enterprises Ltd. u l-konvenut Patrick Gaffiero gew debitament notifikati a tenur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap 12 izda baqghu kontumaci;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li permezz ta' *sanction letter* datata 4 ta' Mejju 1994 (Dok. PS1 esebit minn Philip Saliba fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2002), il-bank attur accetta li jaghti lis-socjeta` konvenuta facilita` ta' *overdraft* ta' elf liri Maltin (Lm1,000), u ghall-hlas lura ta' dik is-somma ntalbet, *inter alia*, il-garanzija solidali tad-diretturi ta' dik is-socjeta`, cioe` l-konvenuti Anna Farrugia u Patrick Gaffiero.

Sussegwentement, permezz ta' ittra tat-3 ta' Gunju 1994 (Dok. PS2), din il-facilita` zdiedet ghal elfejn liri Maltin (Lm2,000) taht l-istess kondizzjonijiet tas-*sanction letter* precedenti. In effetti, anness mac-citazzjoni bhala Dok. B, hemm il-*guarantee form* fejn il-konvenuti Anna Farrugia u Patrick Gaffiero ffirmaw bhala *"guarantors"* ghas-somma ta' elfejn liri Maltin (Lm2,000).

Fl-eccezzjonijiet taghha l-konvenuta Anna Farrugia tghid li hija kienet ftehmet li tiggarantixxi *"loan facility"* sas-somma ta' elfejn liri Maltin (Lm2,000) u li sussegwentement dan inbidel f'*"overdraft facility"* minghajr pre-avviz u minghajr il-kunsens taghha ghal somma ferm in eccess mis-somma miftehma. Jigi osservat li l-bank attur effettivament qieghed jitlob li l-konvenuta Anna Farrugia tigi kkundannata biex thallas solidalment mal-konvenuti l-ohra s-somma ta' elfejn liri Maltin (Lm2,000) biss u mhux is-somma globali ndikata fic-citazzjoni. Inoltre ma jistax ikun li l-konvenuta Anna Farrugia ma kenitx taf li l-facilita` li s-socjeta` konvenuta kellha kienet wahda ta' *overdraft* peress li s-*sanction letters* ta' l-4 ta' Mejju 1994 u tat-3 ta' Gunju 1994 jitkelmu car dwar *overdraft facility*. U fi kwalunkwe kaz, galadarba qed tirrikonoxxi li hija ggarantiet il-hlas lura lill-bank attur tas-somma ta' elfejn liri Maltin (Lm2,000), u hija din is-somma li l-bank jippretendi li l-konvenuta tigi kkundannata li thallas solidalment mal-konvenuti l-ohra, kull diskussjoni dwar id-differenza bejn *"loan"* u *"overdraft"* ghandha titqies bhala inutili.

Issa jirrizulta wkoll li permezz ta' ittra ohra datata 17 ta' Jannar 1995 (Dok. PS3), il-bank attur accetta li jzid l-*overdraft facility* tas-socjeta` konvenuta sa hamest elef liri Maltin (Lm5,000), u dan versu garanzija personali ulterjuri tal-konvenut Patrick Gaffiero ghas-somma ta' erbat elef liri Maltin (Lm4,000), garanzija li nghatat kif jidher mid-Dok. C anness mac-citazzjoni. Imbaghad b'ittra tat-8 ta' Lulju 1996 (Dok. PS4), din il-facilita` zdiedet ghal total ta' Lm6,317. It-total mitlub permezz tac-citazzjoni, li jinkludi fih imghaxijiet komputati sa l-24 ta' Frar 1998, huwa ta' Lm6,330.50.

Philip Saliba, *branch manager* mal-bank attur, ikkonferma li mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-gurnata li kien qieghed jixhed (28 ta' Gunju 2002) ma kien sar l-ebda pagament. Billi hadd mill-konvenuti (u s-socjeta` konvenuta u l-konvenut Patrick Gaffiero sahansitra baqghu kontumaci) ma allega li sar xi hlas, m'hemm l-ebda dubju ghalhekk li s-somma komplessiva ta' Lm6,330.50 mitluba fic-citazzjoni hija dovuta u li din trid tithallas precizament kif mitlub fl-istess citazzjoni.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Anna Farrugia, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tikkundanna lill-konvenuti solidalment sabiex ihallsu lill-bank attur is-somma ta' elfejn liri Maltin (Lm2,000),
(2) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Canina Enterprises Ltd. u Patrick Gaffiero solidalment sabiex ihallsu lill-bank attur is-somma ta' erbat elef liri Maltin (Lm4,000),
(3) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Canina Enterprises Ltd. thallas lill-bank attur il-bilanc ta' tliet mija u tletin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm330.50) u dan oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-25 ta' Frar 1998 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti skond ir-rispettiv telf taghhom u bl-imghax legali mill-25 ta' Frar 1998 sad-data tal-pagament effettiv.

**ONOR. IMHALLEF**
**DR. DAVID SCICLUNA**
**D/REGISTRATUR**